Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 27 ta' Novembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Versus**

**Joseph Demicoli**
**(0009455M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Joseph Demicoli**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0009455M.

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Marzu, 2021, ghall-habta ta' 10:45hrs, kif ukoll fil-hinijiet u granet ta' qabel fl-inhawi ta' Marsaskala u f'dawn il-Gzejjer Maltin ha jew ipprova jiehu xi ghasafar tal-ghana, matul l- istagun maghluq ghall-insib tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 18(1)(c) L.S.549.42;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien qieghed jaghmel uzu minn xbieki u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(e) ta' L.S. 549.42;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, kien qieghed jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixka ta' ghasafar protetti u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(i) ta' L.S.549.42;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett (Ortolan) taht dawnir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjoni ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) ta' LN 549.42;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tieghu jew zamm kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin jew mejtin, jew parti li tista' tingharaf jew derivattivi taghhom cioe' ghasafar li mhux inkluzi fi Skeda II jew fl-Skeda III ckioe' Embrezia Hortulana (Ortolan) inkluza fl-Skeda 1, u meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien fil-pussess tal-permessi, jew certifikati ta'

registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' Kompetenti ghaz-zamma ta' dawk l-ghasafar skonti d-disposizzjonijiet tar-Regolament 21, jew ikunu gew impurtati legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), jew gew mehuda jew akkwitati legalment fi Stat Membru jew imrobbija fil-mghaluq u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser xi disposizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposta min jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' billi ttanta izomm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew III, u cioe' Embrezia Hortulana (Ortolan) (inkluz fi Skeda I), meta dawk l-ghasafar ma kienx ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id- disposizzjonijiet tad-direttiva tal-kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew iprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' Embrezia Hortulana (Ortolan) (inkluz fi Skeda I), u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat Joseph Demicoli, fis-seduta tal-24 ta' April 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha

migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Regolament 4(1)(a)(e), 5(1), 6(1)(a) 7(1)(e)(i), 18(1)(c), 21, 27(1)(d), 27(2)(b) u 27(3) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Joseph Demicoli hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' **elf Euro (€1,000),** liema multa ghandha tithallas fi zmien sena (1) millum.

Il-Qorti, ai termini ta' Regolament 27(2)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdha tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' ix-xbieki u l-ghasafar mehuda minghand il-hati fil-kaz odjern.

Il-Qorti, ai termini ta' Regolament 27(2)(b) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna **r-revoka permanenti ta' kull liċenza jew permess maħruġa** lill-hati, taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija**.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**